MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2014

Numru 513/2011

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Abdilla)

vs

Tony Schembri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-akkuzat ta' karta ta' identita' numru 125179m akkuzat, talli f'Ottubru 2009 u fix xhur u snin ta' qabel f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fiz-zminijiet differenti jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda :

1. bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu talab. irceva jew accetta ghalieh jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom ma kellux jedd, anke jekk l-iskop tal-weghda jew offerta kien sabiex bhala ufficjal jew impiegat jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel;

2. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, irceva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih jew ghal xi had iehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddecudi xi persuna fis-Sub-Titolu (1V) tat-Titolu (111) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li kollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplati fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tal-artikoli tal-ligi hemm citati bghat l-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti;

Semghat l-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex l-kawza tkompli tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat;

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali l-imputat qieghed jigi akkuzat taht il-Kap 9 b'korruzzjoni (Artikolu 115) u b'uzu ta' influwenza kontra l-ligi ( Artikolu 121A);

Il-fatti tal-kaz huma: fil-5 ta' Ottubru 2009 l-imputat ghamel rapport l-ghassa tal-Pulizija ta' Birzebbuga li fil-waqt li kien fil-parkegg tal-Korporazzjoni ETC gie avvicinat u mhedded minn zewg persuni wiehed minnhom li gharfu bhala Frank Attard. Dan kien in konnessjoni ma xi permess tax-xoghol ta' barranija li kien jaqa' taht il-mansjonijiet tal-imputat. Gie interrogat dan Attard u allega li l-imputat kien jiehu xi flus biex imexxilu dawn il-permessi tax-xoghol. Fuq din l-allegazzjoni hi bazata din il-kawza.

Minn dok. folio 16 tal-process jirrizulta li l-imputat kellu l-grad ta' "Executive" u beda f'din il-kariga fis-17 ta' Frar 1999. Jinsab ukoll esebit folio 19 et seq l-applikazzjonijiet ghax-xoghol li kien talab l-imputat biex jimpiega nies barranin minn barra l-Unjoni Europea fil-kors li l-imputat kellu x'jaqsam ma' dawn il-permessi. Minnu jirrizulta anke rifjut minn naha tal-imputat f'xi okkazajonijiet.

Fuq kif fehmet il-Qorti mix-xhieda ta' Maria Bartolo Galea (folio 24 et seq ), manager fil-Korporazzjoni responsabbli fl-ipprocessar ta' permessi tax-xoghol, l-imputat kien, skond il-prassi dak iz-zmien, jassessja dawn l-applikazzjonijiet, igifieri jircevi l-inkartament relattiv l-applikazzjoni, li ma kinitx issir direttament ghandu, jakkwista l-informazzjoni mill-varji dipartimenti governattivi, jaghmel ir-rakkomandazzjoni tieghu suggerenti l-akkoljiment jew rifjut, bil-poter decisjonali spettanti lill-fuq imsemmija xhud u bid-dritt lill-applikant ta' appell, f'kaz ta' rifjut, lill-Bord specifikament kompost. Fi kliem iehor l-imputat ma kellu ebda poter decisjonali.

Xehdu l-ufficjal tal-pulizija li investigaw. L-ispettur Ivan Cilia ( fol. 46 et seq) fil-kors tax-xhieda tieghu ghamel referenza ghal zewg fajls tal-Korporazzjoni u esebixxa "emails" (fol.57 u58) ostensibilment

skambjati bejn l-imsemmi Attard u l-imputat riferenti dawn ghall-1 ta’ Ottubru u 5 ta’ Ottubru 2009 li b’kumbinazzjoni din ta’ l-ahhar li ntbaghtet minn Attard lill imputat propju fil-gurnata fejn l-imputat mar jaghmel ir-rapport tieghu kontra Attard b’intervall bejn ir-rapport u l-email ta’ cirka sitt sieghat. Lanqas m’hi l-Qorti qeghda tara xi haga kompromettenti kontra l-imputat fl-imsemmija “e-mails” apparti li ma jidhirx li jirreferu ghall-fajls li semma’ l-ispettur fix-xhieda tieghu u li wkoll ma ssemghew xejn waqt l-interrogatorju tal-imputat kondott mill-istess ufficjali prosekuturi. A propsitu ta’ dan l-interrogatorju kulminanti fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputat (folio 35) hemm ic-cahda kategorika tieghu ghal dak li kien qieghed jigi allegat kontra tieghu. Izda mhux biss stante li l-akkuzatur tieghu irritratta dak kollu li kien irraporta lill-pulizija meta ghamel  ir-rapport tieghu kontra l-imputat u zied li dan ghamlu in ritalljazzjoni ghar-rapport precedent tal-imputat. Dak li gara fil-proceduri ta’ dan Attard fl-istadju ta’ appell m’ghandu l-ebda rilevanza ghall-kaz odjern tal-imputat. Li tinnota l-Qorti hi li l-prosekuzzjoni fl-ebda stadju meta xehed dan Attard quddiema ma rinfacjatlux b’xi stqarrijiet tieghu li kien irrilaxxjalhom kif setghaw facilment ghamlu bil-ligi procedurali civili reza applikabbli fil-kawzi kriminali.

Minn dan kollu huwa wisq car ghal din il-Qorti li l-akkuzi kontra tieghu ma gewx pruvati. Li taf u tixtieq tikkomenta l-Qorti u li l-imputat konsegwenza ta’ dawn il-proceduri li irrizultaw infondati u inveritieri, ghamel circa sena u sitt xhur sospiz mix-xoghol b’nofs paga.

Tieqaf hawn fil-waqt li issib l-imputat mhux hati u tilliberah.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------